# focus...

# Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

Is-Socjetà Filarmonika L-Unjoni kienet minn ta' l-ewwel li ħadet sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa titulari f'Ħal Luqa ddedikata lill-appostlu Sant' Andrija. Matul iż-żmien dejjem għamlet hekk għaliex ħasset li l-impenn u l-parteċipazzjoni tagħha fil-festa kienu u għadhom importanti mhux biss fil-ħajja tal-Ħalluqin kollha iżda anke għaliha bħala Soċjetà. Għalhekk huwa ferm importanti li Soċjetà bħal tagħna tagħmel eżami tal-kuxjenza biex tara kif kienet is-sena li għaddiet u jekk l-impenn u l-għan li għalih twaqqfet 126 sena ilu għadux validu.

Is-sena 2005 kienet verament importanti għas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni billi matulha ġie mfakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Matul dan iż-żmien dejjem żammet ħajja l-attività tagħha, anke f'mumenti difficili li għexu missierijietna, u dan fl-interess tal-poplu Ħalluqi kollu. Dejjem rat li tkun leali lejn l-iskop li għalih twaqqfet. Kien ta' sodisfazzjon kbir li tara soċjetajiet storiċi, li għamlu isem fl-istorja ta' pajjiżna, bħal *La Vinci-rice* ta' l-Isla u l-Banda San Lawrenz tal-Birgu, fost baned oħrajn, jilqgħu l-istedina tagħna u reġgħu ġeddew ir-rabtiet storiċi li kellhom magħna. Il-Halluqin ta' rieda tajba, flimkien mal-mexxejja ċivili u dawk ekklesjastiċi, għarfu dan il-mument storiku tar-raħal tagħhom għaliex matul il-festi kollha l-parteċipazzjoni kienet waħda ferm u ferm inkoraġġanti li tawgura tajjeb għall-futur tas-Soċjetà tagħna.

Il-pubblikazzjoni tal-ktieb "Hal-Luqa u l-Banda tagħha L-Unjoni" ġie milqugħ ferm tajjeb u dan jixhduh mhux biss mill-kummenti li saru minn diversi nies ta' integrità li ġew għat-tnedija tiegħu, iżda anke mid-diversi kitbiet li dehru f'numru ta' gazzetti lokali minn kritiċi u kittieba ferm magħrufa. Din hija r-realtà.

L-impenn tas-Soċjetà għal dawn il-festi u għall-festa titulari kien wieħed konsiderevoli u mertu tas-suċċess tagħhom huwa frott tal-ħidma tal-membri u l-għajnuna tal-benefatturi tagħna li s-Soċjetà tirringrazzja.

Il-ħidma tas-Soċjetà tagħna tibqa' għaddejja b'ritmu kontinwu biex tkompli tkattar dak li għaliha twaqqfet 126 sena ilu. Huwa fatt storiku, u dan minn dejjem hekk kien, li s-Soċjetà tagħna tgawdi s-simpatija u l-fiduċja tal-maġġoranza assoluta tal-poplu Ħalluqi. Dan mhux biss għaliex kienet l-ewwel banda fir-raħal tagħna iżda aktar minn hekk għaliex il-poplu Ħalluqi dejjem ħass ġibda partikolari lejn is-Soċjetà tagħna. Is-Soċjetà dejjem rat, l-ewwel u qabel kollox, dak li l-aktar kien meħtieġ biex jkollna festa kif jixraq f'ġieħ Sant' Andrija. Hekk għamlet fil-passat ferm reċenti meta fl-2002 l-Kappillan ta' dak iż-żmien, il-mibki Dun Joe Camilleri, kien irnexxielu wara xhur ta' diskussjonijiet bejn il-partijiet involuti fil-festa li jintlaħaq ftehim ħalli l-*gentlemen's agreement* li kien sar fl-1964 jerġa jiġi mġedded (kif kien diga' sar fl-




imgħoddi) u dan mhux biss ħalli l-festa tibqa tiġi ċċelebrata b'mod xieraq u denju iżda tkompli tikber ukoll. Sfortunatament it-tiġdid ma ġiex iffirmat minkejja li dak iż-żmien kollox kien lest ħlief il-firem fuq il-ftehim. Qatt ma ninsa d-dispjaċir li kellu Fr. Joe meta ħadd-ieħor, proprju fl-aħħar mumenti, mar lura mill-kelma tiegħu u għarrfuna li ma kinux se jiffirmaw. Din ukoll tagħmel parti mill-istorja u żgur m'hix xi ħrafa. Hija storja ukoll li s-Soċjetà tagħna bħala l-Ewwel Banda ġewwa Ħal Luqa kienet tgawdi ċerti privileġġi u drittijiet, rikonoxxuti anke mill-Awtoritajiet Ekklesjastiċi, fosthom li waqt il-festa kienet tispiċċa l-aħħar għal-sentejn fuq xulxin u l-banda l-oħra ta' Ħal Luqa kienet tispiċċa darba waħda biss. Iżda s-Soċjetà tagħna ċediet dan id-dritt ħalli mill-ġdid terġa' tibda tiġi ċċelebrata l-festa tal-patrun tagħna.

Is-Soċjetà tagħna tixtieq tifraħ b'mod sinċier u mhux għad-dieher tal-poplu lill-Mons Innoċenz Borg talli din is-sena ngħata Ġieħ Ħal Luqa iżda aktar importanti talli flimkien qed niċċelebraw is-60 sena minn meta sar qassis u l-50 sena minn meta kien sar Kappillan ta' Ħal Luqa. Kien proprju hu li ħa l-inizjattiva u fassal il-pedament sod magħruf bħala *Gentlemen's Agreement* tal-1964 li permezz tiegħu l-festa tagħna kibret f'kull sens iżda aktar importanti li dejjem ġiet iċċelebrata mingħajr inċidenti li sfortunatament għadna naraw, anke jekk naqsu, fi rħula oħra. Dak il-ftehim huwa dokument storiku li biż-żmien wera kemm sar fl-interess ta' Ħal Luqa u l-festa tagħha u wara aktar minn 40 sena għadu jħalli l-frott tiegħu. Dan hu ftehim li għandu jiġi protett u mhux injorat minn min m'għandux verament għal qalbu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Sant' Andrija. Ikun ħażin għal Ħal Luqa li xi ħadd jipprova jinjora dan il-ftehim jew agħar minn hekk, b'mod unilaterali, ibiddlu mingħajr ftehim mall-partijiet kollha konċernati.

Is-Surmast Direttur tas-Soċjetà l-Professur Charles Zammit reġa' għal darb'oħra għamel isem mhux biss għalih u Ħal Luqa iżda għal pajjiżna bil-pubblikazzjoni ġdida tiegħu *Music for better health and better living*. Dan huwa ktieb li fih innifsu huwa enċiklopedija ta' informazzjoni u tagħrif li jkun ta' ġid li wieħed jara mhux biss fid-djar tagħna iżda wkoll fil-librerja reġjonali ta' l-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa u f'librerji oħra speċjalment ta' għaqdiet mużikali.

Il-Kumitat jirringrazzja lis-Surmast u l-assistenti tiegħu u lill-bandisti, b'mod partikolari dawk tal-post, lill-membri kollha tal-Kummisjonijiet għax-xogħol kontinwu tagħhom, ħafna drabi f'sagrifiċċji iżda b'għan wieħed: dak li jaraw lis-Soċjetà tagħna tkompli miexja fit-triq li kienet qabdet 126 sena ilu. Grazzi wkoll lill-membri u lill-benefatturi li jgħinu is-Soċjetà b'kull mezz. Mingħajr l-għajnuna tagħhom l-impenn tas-Soċjetà jkun ferm u ferm aktar diffiċili.

Grazzi lill-Ħalluqin kollha b'mod partikolari lil dawk li jieħdu sehem attiv fil-festa ta' Sant Andrija, festa li s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni dejjem saħqet li għandha tkun iċċelebrata b'mod dinjituż, dixxiplinat u mingħajr tgħajjir u nsulti. Affarijiet li għas-Soċjetà tagħna mhux permessi u aċċettabbli li jsiru. Dan deher bil-fatti fl-aħħar snin, mhux bi kliem fieragħ li ma jiswa xejn. X'jagħmel ħaddieħor hija responsabbiltà tiegħu u ta' l-awtoritajiet li jaraw li dawn l-affarijiet ma jitħallewx isiru. Inħeġġu wkoll l-attendenza għall-festa reliġjuża li ssir fil-knisja biex verament nagħtu ġieħ lil Sant' Andrija.

Il-festa t-tajba lil kulħadd